

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Settembru 2016 – FIH Holding u FIH Erhvervsbank vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-386/14) ⁽¹⁾

(“Għajjnuna mill-Istat — Settur bankarju — Għajjnuna mogħtija lill-bank Daniż FIH, fil-forma ta' trasferiment tal-assi żvalutati tiegħu lil sussidjarja ġdida u tax-xiri sussegwenti tagħhom mill-korp Daniż inkarigat li jiggarantixxi l-istabbiltà finanzjarja — Għajjnuna mill-Istat favur banek f'perijodu ta' kriżi — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna kompatibbli mas-suq intern — Kunċett ta' għajjnuna — Kriterju tal-investitur privat — Kriterju tal-kreditur privat — Kalkolu tal-ammont tal-għajjnuna — Obbligu ta' motivazzjoni”)

(2016/C 402/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: FIH Holding A/S (Kopenhagen, id-Danimarka) u FIH Erhvervsbank A/S (Kopenhagen) (rappreżentant: O. Koktvedgaard, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn u P. J. Loewenthal, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/884/UE, tal-11 ta' Marzu 2014, dwar għajjnuna mill-Istat SA.34445 (12/C) implimentata mid-Danimarka għat-trasferiment tal-assi relatati mal-proprjetà minn FIH għall-FSC (ĠU 2014, L 357, p. 89).

Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/884/UE, tal-11 ta' Marzu 2014, dwar għajjnuna mill-Istat SA.34445 (12/C) implimentata mid-Danimarka għat-trasferiment tal-assi relatati mal-proprjetà minn FIH għall-FSC, hija annullata.
- 2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 253, 4.8.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Settembru 2016 – European Dynamics Luxembourg u Evropaïki Dynamiki vs EIT

(Kawża T-481/14) ⁽¹⁾

(“Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Provvista ta' servizzi dwar l-iżvilupp ta' pjattaforma ta' ġestjoni tal-informazzjoni u tal-għarfien — Servizzi ta' żvilupp ta' softwer u ta' manteniment ta' disponibbiltà u ta' effettività ta' servizzi tal-informatika — Rifjut li l-offerta ta' offerent tiġi kklassifikata fl-ewwel pożizzjoni — Kriterji ta' selezzjoni — Kriterji ta' għoti — Obbligu ta' motivazzjoni — Żbalji manifesti ta' evalwazzjoni — Access għal dokumenti — Responsabbiltà mhux kuntrattwali”)

(2016/C 402/41)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: European Dynamics Luxembourg SA (Ettelbrück, il-Lussemburgu) u Evropaïki Dynamiki – Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: inizjalment E. Siouti u M. Sfyri, sussegwentment M. Sfyri u A. Lympelopoulou, avukati)

Konvenut: L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) (rappreżentanti: inizjalment M. Kern, B. Györi-Hartwig u P. Juanes Burgos, sussegwentment B. Györi-Hartwig u P. Juanes Burgos, aġenti, assistiti minn P. Wytinck u B. Hoorelbeke, avukati)